MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 786/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat Alfred Vella ID 90849M**

**Vs**

**Galea Darren**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' April 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm427.78 (erba` mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar l-1 ta' Mejju 2003 gewwa l-Mellieha.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' erba` mija u sebgha u ghoxrin Lira

Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm427.78) danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradli illi gara fl-1 ta' Mejju 2003 fi Triq il-Marfa, Mellieha, Ghadira, bejn il-vettura Ford Transit bin-numru IAA 971 misjuqa minnek u dik Volkswagen Polo Classic bin-numru DBG 281 propjeta` ta' Alfred Vella  u misjuqa minn Brian Vella – liema incident gara unikament tort u htija tieghek peress illi inti hrigt minn posizzjoni wieqfa minghajr ma ghamilt *proper look out* u hbatt mal-istess vettura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Ottubru 2003 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi in linea preliminari, essendo li tezisti surroga, l-attur Alfred Vella m'ghandux interess guridika f'din il-kawza.
2. Illi fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* issuceda tort unikament ta' Brian Vella, s-sewwieq tal-vettura l-ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna kollizjoni li grat fuq ir-roundabout l-Mellieha hdejn is-Seabank Hotel. L-attur kien ghaddej fil-vettura tieghu fid-direzzjoni tal-Marfa meta kif allega hu l-konvenut qala min post ipparkjat, dahal fuq ir-roundabout u kien l-attur li dahal go fih.

Illi ex admissis, l-konvenut jallega illi qabel ma mmanuvra fuq ir-roundabout huwa kien ipparkjat, gie biex jaqla, ra li ma kienux gejjin vetturi, dahal fuq ir-roundabout gie l-attur u dahal go fih.

Illi huwa mpellenti fuq min qed jaqla min post ipparkjat li jara li meta jigi biex jaqla u jidhol fin-"normal flow of traffic" ma jikkostitiwixxi ruhu ta' periklu ghal utenti l-ohra tat-triq.

Illi tali xufier ghandhu jiehu dawk l-prekawzjonijiet kollha li huma necessarji biex ma jkunx ta’ periklu meta jigi biex jaqla min post ipparkjat. Irid jara li mhux gejjin karozzi u anka jekk ikunu gejjin l-karozzi irid ikun hemm boghod b’tali mod u manjiera li ma jkunx jista jinfluwixxi fuq il-mod tas-sewqan taghhom. Huwa lampanti illi dan l-konvenut fil-kawza odjerna naqas li jaghmlu ghaliex ezatt hekk kif gie fuq ir-roundabout saret il-kollizzjoni. Id-difiza tal-konvenut hija li dana ma rax lil attur gej anzi qal li mhux talli gie go fih talli l-istess kien jammonta ghal nuqqas lampanti tal-attur.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm427.78), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------